MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Numru. 600/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**MARTIN BALDACCHINO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Martin Baldacchino ta' 35 sena, bin Nazzareno u Angela nee' Micallef, mwieled Pieta' nhar it- 22 ta' Ottubru 1975, residenti Block B4, Flat 1, Triq in- Newl, Zebbug u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 546975M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar it- 2 ta’ April 2011 ghall- habta tal- 04.45hrs gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq minn vettura numru tar- registrazzjoni BAG 929 ghad- dannu ta’ Warren Borg u/jew nies ohra, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- valur, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- provedimenti ta’ sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta), Magistrat Dr. L. Quintano LL.D fejn gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sittax- il xahar, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-addebitu tar-recidiva mhix applikabbli ghall-imputat;

Rat illi ghalhekk l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati w ghalhekk sejra tghaddi minnufih ghas-sentenza. Fit-trattazzjoni fuq il-piena, ingibdet l-attenzjoni tal-Qorti li l-imputat ghandu problema bid-dipendenza fuq id-droga, u ghalhekk jista' jkun ta' ghinuna ghalih li jattendi program ta' rijabilitazzjoni, u dan bl-intervent ta' Ufficjal tal-Probation. Ghalhekk, il-Qorti sejra taghti opportunita' lill-imputat biex itejjeb il-kundizzjonita' hajtu, fi spirtu ta' gustizzja riformattiva aktar milli retributtiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tiddikjara illi l-addebitu tar- recidiva mhux applikabbli, u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------